# IL-KAŻIN FI TRIQ IL-KUNGRESS EWKARISTIKU

Ma jidhirx li d-dokumenti li juru meta l-każin twaqqaf għall-ewwel darba għadhom jeżistu. L-ewwel minuti tal-laqgħat tal-kumitat aktarx li ntilfu, jew qegħdin għand xi familji privati. L-ewwel isem tal-każin li xi wħud isostnu li nfetaħ fl-1905 wara firda li nħolqot bejn il-bandisti tal-każin l-ieħor stabbilit kien Circolo l'Unione.

*Il-Kumitat jagħmel appell lil dawk kollha li għandhom xi tifkiriet tal-każin biex jikkuntatjaw lis-Segretarju.*

Minn xi kitbiet 'l hawn u 'l hinn wieħed jista' jieħu xi ħjiel ta' l-ewwel ġrajjiet marbutin mal-Każin. Wieħed mill-qassisin mill-aktar ħabrieka li qatt kellha l-parroċċa tal-Mosta kien mingħajr dubju Dun Anġ Camilleri, qassis Żabbari li ġie l-Mosta fl-1886. Huwa dam prokuratur tar-Rotunda għal madwar tletin sena. Fi żmienu saru l-akbar u l-isbaħ opri fil-knisja.* Skond il-ktejjeb **Tifkira għażiża tas-Saċerdot Dun Anġ Camilleri** , parti mill-ispejjeż tal-gwarniċjun prinċipali tal-Knisja mibdi fl-aħħar tas-sena 1899 u lest f'Awissu ta' l-1902, tħallsu mill-Każin ta' Santa Marija. L-ispejjeż laħqu mija u tmenin liri. Is-sehem tal-Każin ġew ippreżentati f'isem is-soċji mill-President ta' l-Għaqda Cesario Chetcuti. Din l-informazzjoni hija prova li l-Każin diġa`kien jeżisti qabel is-sena 1900. Fil-fatt, Robbie Mifsud Bonniċi li kiteb l-istorja tal-Baned Maltin, igħid li għall-ħabta tas-sena 1900, il- banda Santa Marija għamlet żmien taħt is-surmast Antonio Miruzzi.

Jekk wieħed jifli l-kotba ta' l-Amministratur tal-Knisja Dun Ġużepp Attard, isib illi hu ħallas is-somma ta' ħames liri lis-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija tal-Mosta għal żewġ servizzi mużikali li saru,wieħed fil-għaxija fis-7 ta' Settembru u l-ieħor l-għada waqt il-purċissjoni. Dun G.Attard ħallas dik is-somma fil-21 ta' Settembru 1908.

Nafu wkoll illi fl-1910 is-surmast direttur tal-banda kien Mro. Giuseppe Micallef (1854 -1914) minn Ħaż-Żabbar. Fil-**Guida Generale** għas-sena 1927 stampata mill-gazzetta d-Daily Herald hemm riferenza għall-banda ta' l-Assunta fil-każin tagħha f' 179 Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Il-kumitat għamel żmien jieħu ħsieb jorganiżża l-festi ta' barra li jsiru fil-Mosta f'Awissu ad unur ta' Santa Marija. Dik l-inizjattiva bdiet fl-1934 meta kien President tas-soċjeta` Andrea Scicluna. Fi żmien l-Arċipriet Dun Karm Sciber-



*Il-Każin Santa Marija tal-Mosta*

ras, il-każin reġa' ħa f'idejh il-festa. Il-membri tal-kumitat kienu joħorġu fil-Ħdud jiġbru l-flus għall-festa. Kienu jieħdu ħsieb ukoll jarmaw u jżejnu t-toroq.

Barra minn hekk il-Każin huwa ċentru ċiviku, il-post fejn wieħed jiltaqa' biex jirrikreja ruħu u jiltaqa' ma' ħbiebu.

Il-Kumitat kien ħaseb ukoll biex fl-1921 jiftaħ parti mill-każin u jqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-intelletwali tal-Mosta, ta' dak iż-żmien. Fil- 'Camera di Lettura'kienu jiltaqgħu l-aktar il-qassisin, l-għalliema u t-tobba. Din l-inizjattiva kellha titwaqqaf meta bdiet il-Gwerra għax fl-1940 il-Każin ta' Santa Marija ttieħed biex jilqa' fih ir-refuġjati li ġew joqogħdu l-Mosta l-aktar dawk tal-Kottonera. Ġew biex mingħalihom jeħilsu mill-attakki ta'l-ajruplani ta' l-għadu. Iżda fil-Mosta ma sabux ruħhom wisq aħjar għax il-Mosta ġiet ibbumbardjata aktar minn kull naħa oħra ta' Malta.

Fis-sena 1943 ir-refuġjati kienu laħqu telqu u l-post reġa' nfetaħ bħala Każin. Ġie żmien meta s-soċji tal-Każin naqsu fil-għadd. Iżda l-kumitati ma qatgħux qalbhom, u minkejja l-problemi, għamlu ħilithom biex iżommuh miftuħ. Kienu għalhekk iħajru għaqdiet oħra biex jagħmlu użu mill-każin u jorganiżżaw attivitajiet. Hekk per eżempju fl-1951, it-tim tal-futbol tal-Mosta wkoll beda juża dan il-post bħala l-każin tiegħu.

---

* *Ara* ***Storja tal-Mosta ( E.B. Vella u oħrajn): pp. 293,294,295***